Espożizzjoni ta' Ġesù Ewkaristija

Jekk l-Adorazzjoni se ssir immedjatament wara l-Quddiesa, wara t-Talba ta' wara t-Tqarbin, Ġesù Ewkaristija jiġi espost u nċensat.

Il-Kor u l-Ġemgħa

Nadurawk ja Ħobż tas-Sema

Nadurawk ja Ħobż tas-Sema
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.
Għalik l-anġli dlonk titniehed,
Inti l-hena tal-bnedmin.
Nadurawk ja Ħobż tas-Sema
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.
Int il-ħlewwa tal-qawwija,
Inti s-saħħa tal-fqajrin.
Nadurawk ja Ħobż tas-Sema
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.
Inti l-qawma ta' min raqad,
Inti l-għaxja tal-ħajjin.
Nadurawk ja Ħobż tas-Sema
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.
Insellmulek, Alla moħbi,
Inti biss taħkem is-snin.
Nadurawk ja Ħobż tas-Sema
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.

Talb ta' Adorazzjoni

Qarrej

Nadurawk Ġesù, li twelidt fil-għar ta' Betlehem biex iġġib is-sliem lill-bnedmin ta' rieda tajba.

Ġemgħa
Nadurawk, Mulej Ġesù.

Qarrej
Nadurawk Ġesù, li tridna nħobbu lil xulxin kif tħobbna Int.

Ġemgħa
Nadurawk, Mulej Ġesù.

Qarrej
Nadurawk Ġesù, li minn fuq is-salib ħfirt u għadirt lil dawk li sallbuk.

Ġemgħa
Nadurawk, Mulej Ġesù.

Qarrej
Nadurawk Ġesù, li wara l-qawmien tiegħek wassalt is-sliem lil dawk li jemmnu fik.

Ġemgħa
Nadurawk, Mulej Ġesù.

Qarrej
Mid-diskors tal-Papa Franġisku.

"L-aħwa għeżież, illum irrid inkun il-leħen tal-għajta li tiela minn kull naħa tad-dinja, minn kull ġens, mill-qalb ta' kulħadd, mill-familja kbira tal-bnedmin b'sobgħa li dejjem tikber. Irrid nagħmel tiegħi l-għajta tal-paċi. Hija l-għajta li b'qawwa kbira tgħid li rridu dinja ta' sliem, li rridu nkunu rġiel u nisa ta' paċi, irridu li f'din is-soċjetà tagħna, mifruda minn tant konflitti, tisplodi l-paċi. Qatt iżjed m'għandu jkun hawn gwerra. Il-paċi hija rigal l-iktar prezzjuż, li jrid jiġi mħares u mwassal lil kulħadd.

Ngħix imweġġa' u nkwetat minħabba il-ħafna sitwazzjonijiet ta' konflitt li jeżistu fid-dinja tagħna, iżda f'dawn l-aħħar jiem, qalbi hija tassew

maqsuma b'dak li qe djiġri fis-Sirja, u mħasseb u mdejjaq għal dak li jista' jiġri."

Nilqgħu l-istedina tal-Qdusija Tiegħu il-Papa Franġisku billi kif aħna miġburin madwar Ġesù Ewkaristija nitolbuh iwettaq fina l-bnedmin kollha x-xewqa tiegħu li nkunu ħaġa waħda.

Qarrej
Qari mil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli
Cf 9:1-22

Sawl, li kien għadu bil-qawwa kollha jhedded bil-mewt lid-dixxipli tal-Mulej, mar għand il-qassis il-kbir u talbu jagħtih ittri għas-sinagogi ta' Damasku, biex ikun jista' jaqbad l-irġiel u n-nisa kollha li jsib miexja fit-Triq tal-Mulej u jeħodhom marbuta Ġerusalemm. Huwa u sejjer, kif qorob lejn Damasku, f'daqqa waħda idda madwaru dawl mis-sema. Waqa' fl-art, u sama' leħen jgħidlu: "Sawl, Sawl, għaliex qiegħed tippersegwitani?"

Il-Kelma tal-Mulej.

Ġemgħa
Irroddu ħajr lil Alla.

Qarrej
Sawlu, jew Pawlu kif nafuh aħna, kien qorob lejn Damasku, illum il-belt kapitali tas-Sirja. F'idejh kellu l-għodda tal-qerda, kif jgħid hu stess. Kellu dokumenti li bihom ried iġib id-dlam fost il-komunità Nisranija, id-dixxipli tan-Nazzarenu.

Kien mingħalih qed jagħmel il-ġid, iżda ftit li xejn induna li kien qed jgħix fid-dlam. Hu kien Fariżew, wieħed fost l-aqwa fosthom. Ġesù stess kien jipprova jiftħilhom għajnejhom li d-dawl jiġi biss mingħand Alla u qatt mill-ħila tal-bniedem waħdu.

Il-bniedem li jaħseb li qed jara u jwebbes rasu fil-qawwa tiegħu innifsu huwa l-bniedem li l-iktar jgħix fid-dlam, u la jgħix fid-dlam, ma jistax jara fejn hu sejjer.

Ftit li xejn nirrejaliżżaw li meta nkunu qed inġibu ruħna hekk, inkunu qed neħduha kontra Ġesù nnifsu. Kull ma tagħmlu mal-iżgħar fost dawn ħuti, tkunu qed tagħmluh miegħi.

Skiet

Qarrej
Mulej Ġesù, aħfrilna ta' kemm-il darba naħsbu li nistgħu naqdfu għal rasna mingħajr ma nagħtu kas ta' min nirfsu u ngħaffġu biex nilħqu dak li naħsbu li jaqblilna. Mulej, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej
Mulej Ġesù, aħfrilna ta' kemm-il darba nippruvaw insolvu l-firdiet li jinqalgħu bejnietna billi nkunu aggressivi u vjolenti anke fi kliemna u ma niddejqux inweġġgħu lill-proxxmu tagħna minflok nippruvaw insewwu l-ġrieħi bl-imħabba u l-ġustizzja. Kristu, ħniena.

Ġemgħa
Kristu, ħniena.

Qarrej
Mulej Ġesù, aħfrilna ta' kemm-il darba nbejtu l-mibgħeda lejn ħutna fi qlubna, ma nagħdrux u ma naħfrux. Aħfrilna ta' kemm-il darba naħsbu li aħna m'għandnix bżonn il-maħfra, la tiegħek u lanqas ta' ħutna. Mulej, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Kor u Ġemgħa

Il-Mibgħut

Inti t-triq u l-ħajja, Inti l-verità,
Inti li tmexxini lejn il-libertà,
Inti li għaziltni biex nimxi warajk
U nitgħallem minnek
Nagħmel dak li Alla jrid.
Ridt li tibqa' fija u jien nibqa' fik
Ħalli nġorrok dejjem ġo fija.
Inti kont li għażiltni, mhux għażiltek jien,
Ħtartni biex tibgħatni nxandrek kullimkien.
Fuq il-pala ta' idejk, ismi int naqqaxt,
Wgħedtni illi waħdi Inti ma tħallini qatt.
Kemm-il darba għejjejt u ħrabt,
Int ma tlaqtni qatt
U bqajt dejjem tiġri warajja.

Ħeġġeġ Int lil qalbi bħal ħuġġieġa nar
Biex intir bil-ħeffa mas-sinjal ta' jdejk
Meta nkun quddiemek
B'ħarsti mwaħħla fik,
Lest biex nisma' kelmtek
U bil-qalb immur naqdik
Nixhed quddiem ħuti l'Inti Alla ħaj
Ħliefek allat oħra ma hemmx.

Qarrej

Qari mil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli
Cf 9:1-22

Huwa u sejjer, kif qorob lejn Damasku, f'daqqa waħda idda madwaru dawl mis-sema. Waqa' fl-art, u sama' leħen jgħidlu: "Sawl, Sawl, għaliex qiegħed tippersegwitani?" Hu wieġeb: "Min int, Mulej?" u l-leħen wieġbu: "Jiena Ġesù, li int qiegħed tippersegwitah. Imma issa qum u idħol il-belt, u hemmhekk jgħidulek x'għandek tagħmel." Dawk li kienu sejrin miegħu baqgħu mbikkma, billi kienu semgħu l-leħen imma ma raw lil ħadd. Sawl qam mill-art, fetaħ għajnejh u ma sata' jara xejn. Imbagħad mexxewh

minn idu u wassluh Damasku. Dam tlitt ijiem ma jarax, u la kiel u lanqas xorob.

Il-Kelma tal-Mulej.

Ġemgħa
Irroddu ħajr lil Alla.

Qarrej
Fit-triq lejn Damasku minn Ġerusalemm Pawlu u sħabu jinsabu fid-dlam mingħajr ma jindunaw. Jaħsbu li għandhom raġun, li l-idejal tagħhom huwa t-tajjeb ta' Alla. Jinsabu mqarrqin. U fid-dlam tal-qerq tagħhom jiddi d-dawl mis-sema. Id-dawl li huwa Ġesù Kristu nnifsu. M'għadhomx l-anġli li jħabbru s-sliem lill-bnedmin ta' rieda tajba.

Il-bniedem li jaħseb li r-rieda tajba hija biżżejjed iqarraq bih innifsu kif ġralu Pawlu. Ir-rieda t-tajba trid tkun ir-rieda ta' Alla għax hu jaf żgur x'inhu l-aqwa ġid għall-bniedem. U għalhekk id-dawl li jdawwal lil Pawlu fit-triq ta' Damasku.

Pawlu jistaqsi "min int?" Ġesù jidentifika ruħu ma' dawk li kienu għaddejjin mill-presekuzzjoni, mit-tbatija, mill-biża' u minn nuqqas ta' sliem.

Dan hu d-dawl li jdawwal lill-bnedmin, li jibdlilhom fehmithom, li jurihom fejn għandhom jaslu. Huwa fatt li ninħtieġu l-paċi u l-ġustizzja biex ninħelsu mit-tbatija u l-miżerja li l-konflitti li noħolqu bejnietna jwassluna fihom.

Skiet

Qarrej
Mulej Ġesù, żomm idejk fuq il-poplu Sirjan f'dawn iż-żminijiet iebsa fl-istorja tiegħu. Saħħahom fir-rabta ta' bejniethom, agħtihom il-ġustizzja u l-għaqda u s-sliem. Nitolbu.

Ġemgħa
Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Qarrej
Mulej Ġesù, kun id-dawl tal-mexxejja tal-ġnus biex jagħrfu jmexxu lil dawk afdati f'idejhom bil-ġustizzja u bl-imħabba. Nitolbu.

Ġemgħa
Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Qarrej
Mulej Ġesù, kun il-faraġ ta' dawk li jinsabu mifruda minn dawk li huma għeżież għalihom minħabba l-ġlied u l-gwerer; sabbar lil dawk kollha li tilfu lil xi ħadd mill-qraba jew ħbieb tagħhom frott tad-deċiżjonijiet inġusti li ħadu dawk li jmexxu. Nitolbu.

Ġemgħa
Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Qarrej
Mulej Ġesù, nissel fi qlubna sensittività kbira lejn il-bżonnijiet ta' dawk ta' madwarna. Ibdlilna l-idejat egoisti tagħna biex ma niġġudkawx bl-addoċċ, biex nilqgħu lil min hu barrani, u biex inrawmu bejnietna sens ta' għaqda u mogħdrija. Nitolbu.

Ġemgħa
Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Skiet

Kor u Ġemgħa

Waslet is-siegħa
Jien se nagħtikom kmandament ġdid
Li tħobbu 'l Alla u lil xulxin
Minn dan jagħrfukom
Li lkoll intom tiegħi
Jekk tħobbu 'l-aħwa
Kif ħabbejtkom jien.

Waslet is-siegħa, Missier qaddis
Biex int issebbaħ lill-Iben tiegħek
Għax din hi l-ħajja
Li jagħrfu lkoll lilek
Biex dawk li tajtni
Jgħixu lkoll miegħek.

Missier qaddis, ħarishom f'ismek
Dawk l' inti tajtni, nitlob għalihom
Kif int bgħatt lili
Hekk jien nibgħat lilhom
Għax jien ħabbejthom
Kif ħabbejtni int.

U għal dawk kollha li jemmnu fija
Kif inti fija u jiena fik
Hekk huma jkunu ħaġa waħda fina
Biex il-ferħ tagħhom ma jispiċċa qatt.

Skiet

Flimkien

Talba tal-Paċi
(Talba attribwita lil San Franġisk)

Mulej agħmilni strument tal-paċi tiegħek.
Fejn hemm il-mibgħeda, ħallini nħeġġeġ l-imħabba;
fejn hemm il-ħtija, ħallini nferrex il-maħfra;
fejn hemm id-dubju, hallini ndaħħal il-fidi;

fejn hemm il-qtigħ il-qalb, ħallini nqawwi t-tama;
fejn hemm id-dlam, ħallini nkebbes id-dawl;
fejn hemm in-niket, ħallini nxerred il-ferħ.

La tħallix li iżjed infittex li nkun imfarraġ milli nfarrag jien;
la tħallix li iżjed jifhimni ħaddieħor milli nifhem lil ħaddiehor jien;
la tħallix li iżjed ikun maħbub, milli nħobb jien.

Għax meta nagħtu, aħna naqilgħu.
Għax meta naħfru, aħna nkunu maħfura.
Għax meta mmutu, nqumu għall-Ħajja ta' dejjem.

BARKA SAGRAMENTALI

Tantum Ergo
Dal-misteru, għarkopptejna,
ejjew mela naduraw
u quddiem ir-riti ġodda
suriet qodma jispiċċaw;
bit-twemmin ġo qalbna nħossu
dak li s-sensi le jaraw.

Lill-Missier inroddu, u 'l Iben
b'qalbna kollha kull tifħir,
lejhom mat-tberik ta' qalbna,
omħabbitna 'l fuq ittir;
lill-Ispirtu li ġej minnhom
ħajr ukoll, xejn inqas kbir. Ammen.

Talba
Nitolbu.
O Alla,
inti f'dan is-sagrament tal-għaġeb
ħallejtilna t-tifkira tal-passjoni tiegħek;
agħtina, nitolbuk, li nqimu l-misteru
tal-Ġisem u d-Demm tiegħek
hekk li nħossu fina bla heda
dak li rebbħitilna l-fidwa tiegħek.
Inti, li tgħix u ssaltan
għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Tingħata l-Barka bis-Santissmu Sagrament.

IKUN IMBIEREK ALLA
Ikun imbierek Alla.
Imbierek l-Isem Imqaddes tiegħu.
Imbierek Ġesù Kristu, veru Alla u veru bniedem.
Imbierek l-Isem ta' Ġesù.
Imbierka l-Qalb Imqaddsa tiegħu.
Imbierek id-Demm għażiż tiegħu.
Imbierek Ġesù fis-Santissmu Sagrament tal-artal.
Imbierek l-Ispirtu s-Santu Paraklitu.
Imbierka l-kbira Omm Alla Marija Santissima.
Imbierka l-Imqaddsa u Immakulata Konċezzjoni tagħha.
Imbierek it-tlugħ glorjuż tagħha fis-sema.
Imbierek l-Isem ta' Marija Verġni u Omm.
Imbierek San Ġużepp għarus kastissimu tagħha.
Imbierek Alla fl-Anġli u l-Qaddisin kollha tiegħu.

Salm 116

Faħħru l-Mulej, intom ġnus kollha; *
sebbħuh, o popli kollha.

Għax kbira hi tjubitu magħna *
u kellmet il-Mulej tibqa' għal dejjem.

Glorja lill-Missier u lill-Iben,*
u lill-Ispirtu s-Santu.

kif kien mill-bidu, issa u dejjem,*
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Sliem għalik Marija,
bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa,
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.
Qaddisa, Marija, Omm Alla,
itlob għalina midinbin,
issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.